QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR ILGIMGHA 26 T' APRIL 2002

Avviz Nru:- 131/01DM

Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michael Attard Ltd abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi

vs

The Cargo Handling Company Limited u Sea Malta Company Limited jew min minnhom

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma komplessiva ta' Lm549.61 (hames mija u disa u erbghin lira u wiehed u sittin centezmu) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata mill-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti hsarat u nuqqasijiet fil-vetturi tal-marka Peugeot appartenenti lill-assigurata

taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura w il-kustodja tal-konvenuti, jew minn minnhom, liema vetturi waslu Malta fuq il-bastiment Maltese Falcon fis-27 ta' Marzu 2000, liema danni diga' thallsu mis-socjeta attrici.

Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited fejn eccepiet illi:

1 Jinkombi fuq is-socjeta attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi 'de quo' kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;

2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondat fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;

3 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;

4 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta Sea Malta Company Limited fejn eccepiet illi:

1 F'l-ewwel lok, illi id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

2 Fit-tieni lok il-klawzola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema s-socjeta konvenuta ma hiex responsabbili ghad-danni reklamati;

3 Fit-tielet lok li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

4 Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

5 Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-atturi, senjatament mid-dokumenti minnhom esibiti, jirrizulta illi ghall-importazzjoni ta’ 31 (wiehed u tletin) vettura gdida tal-marka Peugeot huma kienu nkarigaw ghal garr lill-kumpanija konvenuta Sea Malta Company Limited u l-vetturi kienu gew deskritti  fil-polza ta’ kariku bhala ‘unpacked Peugeot vehicles’ u deskritti wkoll bhala ‘New Vehicles in good starting condition’ minghajr ebda rimarka dwar xi hsarat jew xi nuqqasijiet.

Ghal garr ta’ dawn il-vetturi l-kumpanija Sea Malta Company Limited kienet ghamlet uzu mill-bastiment Maltese Falcon u wasslet dawn il-vetturi Malta fis-27 ta’ Marzu 2000.

Mit-Tally Sheet esibita (a fol 10 tal-process)  u mmarkata bhala dokument A ikkonfermata wkoll mit-Tally Sheet ( a fol 43 tal-process) esibita mill-konvenuti The Cargo Handling Company Limited jirrizulta illi  meta dawn il-vetturi kienu gew skarikati minn fuq il-bastiment  u meta kienu gew ezaminati mill-Cargo Handling Company Limited,  dawn kienu gew mmarkati  u ma sar ebda kumment dwar xi nuqqasijiet jew hsarat li setgha kellhom fihom

Ghalhekk ghandhu jigi ritenut illi dawn il-vetturi meta tnizzlu minn fuq il-bastiment u meta gew accettati mill-kumpanija The  Cargo Handling Company Limited dawn kienu ezenti mill-hsarat u min-nuqqasijiet, peress illi fejn vetturi ohra kellhom xi nuqqas jew xi hsarat dan l-istess nuqqas u hsara gew indikati fir-rimarki, kif jidher mid-dokument TCH1 ( a fol 43 tal-process).

Ghalhekk ma tirrizulta ebda prova illi grat xi hsara jew xi nuqqas  fil-vetturi fil-waqt li dawn kienu qieghdin taht il-kustodja u fil-pussess tal-kumpanija Sea Malta

Company Limited li ghalhekk huma ezenti minn kwalunkwe responsabbilta' ghan-nuqqasijiet allegati.

Billi jirrizulta wkoll illi dawn l-istess vetturi tpoggew fil-kustodja ta' The Cargo Handling Company Limited ezenti mill-hsarat u min-nuqqasijiet jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw illi kwalunkwe hsarat jew nuqqasijiet rizultanti gew riskontrati meta kienu qieghed jigu rilaxxati l-vetturi mill-kumpanija The Cargo Handling Company Limited.

Biex jaslu ghal din il-prova l-konvenuti pproducew bhala xhud lil John Falzon illi huwa surveyor mqabbad mid-ditta importatrici 'Michael Attard Limited' li jikkonferma illi, meta ghamel is-survey fil- prezenza ta' rapprezentant tal-kumpanija The Cargo Handling Company Limited u tal-assikurazzjoni, kienu gew riskontrati dawk in-nuqqasijiet u hsarat illi huwa kien elenka *a tempo debito* kif jidher fid-dokument JF1 minnhu esibit (a fol 34 tal-process).

Inoltre jirrizulta wkoll mid-dokument BA 6 ( a fol 24 tal-process), illi huwa il-"gate pass out" tar-rilaxxjat mil-Malta Maritime Authority u Ports Directorate, illi meta l-vetturi gew irrilaxxati mill-kustodja ta' The Cargo Handling Company Limited f'idejn l-importatur jew l-agent tieghu dawn il-vetturi kellhom il-hsarat u n-nuqqasijiet idikati fl-istess dokument illi huma fil-fatt l-istess nuqqasijiet u hsarat illi indentifika s-surveyor John Falzon.

Ghaldaqstant jirrizulta ppruvat sodisfacentement illi n-nuqqasijiet u hsarat fil-vetturi kienu avveraw ruhhom waqt li dawn kienu taht il-kustodja u pussess esklussiv ta' The Cargo Handling Company Limited li ghalhekk jridu jirrispondu ghad-danni rizultanti.

Biex il-vetturi setghew gew imsewwija u n-nuqqasijiet rimpjazzati l-kumpanija importatrici sofriet danni ta' Lm493.61 (erba mija u tlieta u disghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmi) kif gie spjegat fid-dettal fl-invoice relattiv (a fol 19 tal-process) mmarkat BA 2.

Jirrizulta wkoll illi ta' dawn id-danni l-importaturi gew ikkompensati mill-kumpanija assikuratrici attrici illi giet surrogata fid-drittijiet tal-importaturi permezz tas-"subrogation form" esibita (a fol 18 tal-process) u mmarkata bhala BA1.

Ghaldaqstant il-kumpanija assikuratrici attrici hi awtorizzata illi tirreklama minghand The Cargo Handling Company Limited id-danni li hija halset a bazi tal-polza tal-assikurazzjoni flimkien mal-ispejjez tas-survey li komplessivament jammontaw ghas-somma mitluba ta' Lm549.61 (hames mija u disgha u erbghin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu).

Billi r-responsabbilta' ghal dawn id-danni, kif digia' gie ritenut, hija tal-kumpanija konvenuta The Cargo Handling Company Limited il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici fil-konfront biss tal-kumpanija The Cargo Handling Company Limited u tichad l-istess talba fil-konfront tal-kumpanija Sea Malta Company Limited.

Konsegwentement ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qieghdha tikkundanna lill-kumpanija konvenuta The Cargo Handling Company Limited sabiex thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm549.61 (hames mija u disgha u erbghin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu) bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 ta' Frar 2001; u

Bl-ispejjez kontra The Cargo Handling Company Limited hlief ghall-ispejjez ta' Sea Malta Company Limited li ghandhom jigu supportati mill-kumpanija attrici.

.................................

Mag. Dr. D. Montebello BA LLD

A. Farrrugia

Dep/Reg Civ33